# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 27 ta' Settembru 2022

## Talba numru 291/2021SFJ

**JOSEPH SAMMUT (0456455M)** *VS.* **PAUL CAMILLERI (0801759M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fl-20 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallas elf u tmien mitt Ewro (€1,800) lill-attur bl-imgħaxijiet legali stante li l-konvenut naqas li jonora l-obbligi tiegħu hekk kif pattwiti bejn il-partijiet tramite skrittura datata 18 ta' Marzu 2021 li saret fil-preżenza tan-Nutar Pubbliku Dr Mark Zammit;

Ra li permezz ta' nota ppreżentata fid-29 ta' Novembru 2021, l-attur ippreżenta tlett dokumenti in sostenn tat-talbiet tiegħu;

Ra r-riferta pożittiva (fol. 23) li tindika li l-konvenut kien innotifikat nhar il-11 ta' Marzu 2022;

Ra li fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2022, deher il-konvenut assistit mill-Avukat Dr Andrew Saliba;

Ra li permezz ta' nota ppreżentata fit-12 ta' April 2022, l-Avukat Dr Andrew Saliba rrinunzja l-patroċinju tal-attur;

Ra li l-konvenut ippreżenta Risposta nhar id-19 ta' April 2022 li permezz tagħha eċċepixxa:

- Preliminarjament illi t-talbiet tal-attur kienu intempestivi stante li l-konvenut qatt ma qabeż pagamenti u kwindi ma tilifx il-benefiċċju tat-terminu u allura l-attur kien għadu obbligat jaċċetta l-bilanċ mensilment; u

- Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, u fil-mertu, lanqas kieku ntilef il-benefiċċju tat-terminu, il-bilanċ li fadal jitħallas lill-attur kien inqas mill-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha pprezentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-27 ta' Settembru 2022.

**Provi pprezentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Jirriżulta mid-dokument A (fol. 8 *et seq.* tal-proċess) li l-partijiet daħlu fi skrittura sabiex il-konvenut jixtri mingħand l-attur vettura *Toyota* bin-numru ta' reġistrazzjoni FBQ018 għall-prezz ta' €3,500. Il-konvenut ħallas €300 dakinhar tal-iskrittura u obbliga ruħu li jagħmel pagamenti mensili ta' €300, minn April 2021 'il quddiem. Il-partijiet qablu li jekk il-konvenut jonqos imqar minn pagament wieħed, jitlef il-benefiċċju tal-pagamenti mensili u l-bilanċ dovut isir pagabbli *in toto* minnufih.

Id-dokument Ċ (fol. 11) jindika li saru s-segwenti pagamenti:

- €300 nhar it-18 ta' Marzu 2021 (dakinhar tal-iskrittura);
- €300 nhar is-17 ta' April 2021;
- €300 nhar il-15 ta' Mejju 2021;
- €300 nhar it-12 ta' Ġunju 2021;
- €300 nhar il-11 ta' Lulju 2021;
- €300 nhar is-7 ta' Awwissu 2021; u
- €300 nhar it-8 ta' Settembru 2021.

Id-dokument Ċ ippreżentat mill-attur stess għalhekk jindika li l-konvenut fadallu jħallas lill-attur is-somma ta' **elf u erba' mitt Ewro (€1,400)**. Mill-istess dokument jidher ċar li fil-perjodu indikat, ma nqabeż ebda pagament. Huwa ċar ukoll li meta ġie ppreżentat l-Avviż tat-Talba, jiġifieri fl-20 ta' Ottubru 2021, il-konvenut kien għad fadallu sal-31 ta' Ottubru 2021 sabiex jagħmel il-pagament ta' €300 għax-xahar ta' Ottubru 2021.

Id-dokument B (fol. 15) huwa ittra bonarja indirizzata lill-konvenut li permezz tagħha l-attur infurmah li l-pagament għal Ottubru 2021 kellu jsir mhux aktar tard mid-9 ta' Ottubru 2021.

Fix-xhieda tiegħu, l-attur Joseph Sammut qal li meta f'Settembru 2021 mar għand il-konvenut għall-pagament, il-konvenut qal li ma kienx ser iħallsu u qallu li jekk irid, għandu jiġbor il-pagament mingħand l-avukat tiegħu (l-avukat tal-konvenut). Sammut qal ukoll li huwa ppreżenta mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut. F'dan l-istadju, it-Tribunal jirrileva li fl-atti m'hemm ebda kopja legali jew imqar kopja informali ta' xi mandat ta' sekwestru u kwindi m'hemmx prova.

L-attur kompla jixhed li l-konvenut għamel tlett pagamenti ta' €300 kull wieħed f'April, f'Mejju, u f'Ġunju 2022, għalhekk total ta' €900. Dan ifisser li mill-ammont ta' elf u erba' mitt Ewro (€1,400), tnaqqsu disa' mitt Ewro (€900) u għalhekk il-konvenut fadallu jħallas lill-attur is-somma ta' ħames mitt Ewro (€500).

Xehed ukoll il-konvenut li ppreżenta *notebook* b'xi konteġġi. Dawn il-konteġġi, iżda, huma xi ftit differenti mid-dokument Ċ ppreżentat mill-attur.

Qabelxejn, in-*notebook* għandu t-titlu "*Pagament tal-vann Isuzu*" meta nafu li fil-fatt, il-vettura mertu tat-transazzjoni bejn il-partijiet hija tal-għamla *Toyota*, mhux *Isuzu*.

Dwar il-pagament ta' Lulju 2021, il-konteġġi tal-attur (dok. Ċ) jgħidu li l-pagament sar fil-11 ta' Lulju 2021 filwaqt li n-*notebook* ippreżentat mill-konvenut jgħid li l-pagament sar fl-10 ta' Lulju 2021.

Dwar il-pagament ta' Awwissu 2021, il-konteġġi tal-attur (dok. Ċ) jgħidu li l-pagament sar fis-7 ta' Awwissu 2021 filwaqt li n-*notebook* ippreżentat mill-konvenut jgħid li l-pagament sar fid-9 ta' Awwissu 2021.

Dwar il-pagament ta' Settembru 2021, il-konteġġi tal-attur (dok. Ċ) jgħidu li l-pagament sar fit-8 ta' Settembru 2021 filwaqt li n-*notebook* ippreżentat mill-konvenut jgħid li l-pagament sar fis-7 ta' Settembru 2021.

Imbagħad, in-*notebook* ppreżentat mill-konvenut jindika li saru żewġ pagamenti ta' €300 kull wieħed għax-xhur ta' April u Mejju 2022 (matul din il-kawża).

Għall-kuntrarju, l-attur qal li sar ukoll pagament ta' tlett mitt Ewro (€300) f'Ġunju 2022.

It-Tribunal jirrileva li **skont il-konteġġi tal-attur stess** (dokument Ċ), sal-mument li nfetħet il-kawża, il-bilanċ dovut mill-konvenut kien jammonta għal €1,400, mhux għal €1,800.

Jirriżulta **mix-xhieda tal-attur stess** li saru tlett pagamenti ta' €300 kull wieħed f'April, f'Mejju, u f'Ġunju 2022, jiġifieri total ta' €900. It-Tribunal qiegħed jagħti aktar saħħa lill-verżjoni tal-attur inkwantu ammonti mħallsin lilu billi bħala l-venditur u l-attur f'din il-kawża, huwa għandu l-akbar interess li jara li jitħallas u għalhekk l-akbar dmir li jżomm nota tal-ħlasijiet li jsirulu.

It-Tribunal jikkonkludi għalhekk li *siccome* l-kawża nfetħet fl-20 ta' Ottubru 2021 u ma jirriżultax li skont l-iskrittura, l-konvenut kellu jħallas f'xi ġurnata partikolari tax-xahar, il-kawża nfetħet b'mod prematur. *Se mai*, l-attur messu stenna li jgħaddi l-31 ta' Ottubru 2021.

Inoltre, billi skont l-attur stess, huwa tħallas €900 durante din il-kawża, tali ammont għandu jinqata' mill-bilanċ ta' €1,400. Konsegwentement, sakemm ma sarux pagamenti oħrajn durante din il-kawża li t-Tribunal ma jafx bihom, il-konvenut fadallu jħallas lill-attur is-somma ta' ħames mitt Ewro (€500).

It-Tribunal jgħid mingħajr tlaqliq li meta jsiru pagamenti durante l-kawża b'riżultat li s-sorte jonqos, għandha tiġi ppreżentata nota ta' riduzzjoni l-ewwelnett b'sens ta' onestà u b'rispett lejn il-verità, u t-tieni, sabiex it-Tribunal isibha xi ftit aktar faċli sabiex jiddetermina l-vertenza.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmulin, jilqa' t-talbiet tal-attur limitatament għal ħames mitt Ewro (€500) u jikkundanna lill-konvenut iħallas dak l-ammont lill-attur.

It-Tribunal jiċħad it-talba għall-ħlas ta' interessi għas-sempliċi fatt li huwa minnu li l-konvenut qatt ma qabeż pagament mit-18 ta' Marzu 2021 sax-xahar ta' Settembru 2021.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-attur in vista tal-fatt li l-kawża nfetħet b'mod prematur.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**